QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 302/2024 GG**

**Edwin Falzon (KI Nru 106539M) u Georgette Falzon (KI Nru 665142M)**

**vs.**

**Kevin Zammit (K.I Nru 305169M), u HITE Investments Limited (C-22556), u Philip Zammit (K.I Nru 405346M), u Carmen Zammit (K.I Nru 119639M)**

**Kawza numru: 2**

Illum 16 t'Ottubru, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Edwin Falzon u Georgette Falzon ippreżentat quddiem din il-Qorti fil-21 ta' Marzu, 2024 fit-termini tal-**Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta bis-segwenti premessi u talba:

Illi bis-sahha ta' att ta' kostituzzjoni ta' debitu maghmul fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Falzon datat l-ewwel (1) t'Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) [**Dok EF 1],** l-intimati, inkluz s-socjeta Wanapp Company Limited [C10436], illum stralcjata, ikkostitwixxew ruhhom *in solidium* bejniethom, bhal certa u likwida debituri ghaf-favur il-krendituri rikorrenti ghas-somma hemm stabilita ta' mija u erbatax-il ewro, disa mija u tlett ewro (€114,903) rapprezentanti bilanc dovut ghal self *brevi manu* hemm deskritt, liema somma ghalkemm certa, likwida u dovuta ma kienitx thalset.

Illi l-imsemmi dejn kostitwit permezz tal-att surriferit, jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 253(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Mata;

Illi kif maqbul u ben dedott fl-att ta' kostituzzjoni ta' debitu surriferit, l-imsemmi dejn kostitwit, filwaqt li kien dovut immedjatament bl-imghaxxijiet li bdew jiddekorru mit-30 ta' Settembru 2008 bir-rata ta' tlieta fil-mija (3%) sakemm jsir il-hlas ghas-saldu, kellu jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' mhux inqas minn hames mitt ewro (€500) fix-xahar, liema pagament jsir fl-ewwel (1) gurnata ta' kull xahar pero l-ammont kollu kellu jithallas sa mhux aktar tard minn tlett (3) snin mill-jum tal-istess att, u ghalhekk id-dejn kostitwit kellu jkun mhallas kollu sal-ewwel (1) t'Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011);

Illi mid-data tal-att surriferit, saru xi pagamenti akkont tal-kreditu principali, u permezz ta' skrittura privata datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) [vide anness Dok. **EF 2**], id-debituri kollha fuq l-att surriferit, ossia fosthom l-intimati, regghu ikkonfermaw ruhhom *in solidum* u flimkien bejnithom, bhala veri, certi likwidi debituri ghaf-favur il-krendituri rikorrenti, ghall-bilanc rimanenti u dovut mis-somma intiera kif stipulat fl-att kostituttiv surriferit, ossia din id-darba, fil-bilanc ta' tmienja u sebghin elf, mitejn u tlieta u erbghin ewro [€78,243], liema bilanc kif

miftiehem kellu jithallas permezz ta' pagament mensili u konseguttivi ta' elfejn ewro (€2000), u liema bilanc intier, nonostante tali ftehim, baqa qatt ma thallas xejn minnu sal-gurnata prezenti, ghalkemm cert, likwidu u dovut;

Illi ghalhekk mill-dejn kostitwit permezz tal-att notarili surriferit datat 1 ta' Ottubru 2008, jirrizulta li l-intimati ghadhom debituri tar-rikorrenti ghas-somma ta' tmienja u sebghin elf, mitejn u tlieta u erbghin ewro [€78,243], oltre l-imghaxxijiet li ddekorrew u ghadhom jiddekorru ai termini tal-istess att surriferit, u dan kif konfermat bil-gurament fl-affidavit tar-rikorrenti Edwin Falzon, anness mal-prezenti rikors u mmarkat Dok EF3;

Illi ai termini tal-ligi, stante li ghaddew iktar minn hames (5) snin, kemm mid-data tal-istess att notarili surriferit u anke mill-iskadenza tat-terminu moghti ghall-hlas ghas-saldu tal-istess dejn kostitwit, ossia mill-1 ta' Ottubru 2011, r-rikorrenti kredituri jehtiegilhom jitolbu l-awtorizzazjoni tal-ezekuzzjoni permezz ta' rikors minn din l-Onorabbli Qorti, ai termini tal-Artikoli 258(c) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi inolte, u in aderenza mad-dettami tal-Artikolu surriferit, qed jigi anness affidavit tar-rikorrenti Edwin Falzon [Dok **EF 3**], permezz ta' liema qed jikkonferma bil-gurament tieghu x-xorta tad-dejn, li flimkien ma' martu r-rikorrenti Georgette Falzon, qeghdin jfittxu l-ezekuzzjoni tieghu u li parti minn tali dejn ghadu dovut lilhom.

**Ghaldaqstant, r-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li, prevja l-ghoti ta' kull dikjarazzjoni ohra li jidhrilha opportuna, jghogobha tawtorizza l-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv ai termini tal-artikolu 253(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fuq imsemmi, ossia, tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu redatt in atti tan-nutar Pierre Falzon nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru 2008, stante li ghaddew izjed minn hames (5) snin minn dak inhar**

**li fih l-imsemmi titolu ezekuttiv seta gie esegwit u dan ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.
Bl-ispejjez kollha kontra l- intimati.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Marzu, 2024 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-24 ta' Settembru, 2024 fin-12.30pm u ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimat bi zmien ghoxrin jum ghar-risposta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

**Fatti:**

1. Mill-atti mressqa quddiem din il-Qorti jemergi illi b'atti Nutar Dottor Pierre Falzon tal-1 t'Ottubru, 2008, l-intimati kkonfermaw li kienu inghataw b'self *brevi manu* mir-rikorrenti somma ta' flus li minnha l-intimati raddew lura ammont b'dan illi kien ghad fadal bilanc ta' mija u erbghatax-il elf disa mija u tlett euro (€114.903.00) bid-dekors ta' imghax fl-ammont ta' tlieta fil-mija (3%) mit-30 ta' Settembru, 2008 sakemm isisr il-hlas ghas-saldu permezz ta' pagamenti mensili u f'kaz li d-debituri jkunu moruzi fi hlas mensili wiehed jitilfu l-beneficcju tat-terminu u l-ammont kollu jkun dovut bir-rata ta' imghax ta' tmienja fil-mija (8%) . Ghal dan id-dejn, id-debituri kkostitwew ruhhom flimkien u in solidum bejnithom veri, certi u likwidi debituri favur il-krédituri rikorrenti fl-ammont fuq imsemmi[1];

2. Illi minn din is-somma thallsu ammonti ohra sabiex b'hekk id-debitu nizel ghas-somma ta' tmienja u sebghin elf mitejn tlieta u erbghin euro

[1] Kuntratt Pubbliku ezebit bhala Dok EF1 a fol 4

€78,243.00)[2] li skond ir-rikorrenti ghadu dovut stante li ma sar ebda hlas iehor;

**Il-Ligi:**

**258.** Wara
…..
(c) l-gheluq ta' hames snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proceduri mehudin skond l-artikolu 166A seta gie esegwit,

l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut.[3]

Ikkunsidrat:

1. Illi b'dikjarazzjoni mahlufa[4] r-rikorrenti Edwin Falzon kkonferma dak kollu kontenut fir-rikors promutur kif esposta *supra* u li mid-dejn originarju ghada dovuta s-somma ta' €78,243.00). Georgette Falzon ressqet l-affidavit taghha in konferma tal-fatti esposti[5]
2. Illi l-intimati ma ressqu ebda risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti u wisq anqas deherlu sabiex jikkontestaw l-istess tabiet minkejja li lkoll kienu debitament notifikati;

3. Illi mill-assjem tal-provi mressqa ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti jemergi illi is-somma dovuta lir-rikorrenti *ex* kuntratt pubbliku tal-1 t'Ottubru, 2008 fl-ammont ta' 114,903.00 kellha tithallas sa mhux aktar tard minn tlett (3) jigifieri sal-1 t'Ottubru, 2011. Minkejja dan,

---
[2] Skrittura privata 28.11.2020 Dok EF2 fol 5 u 6 tal-atti processwali;
[3] Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
[4] Affidavit ta' Edwin Falzon Dok EF3 fol 7 tal-atti processwali
[5] Affidavit ta' Georgette Falzon Dok EF4 a fol14 tal-atti processwali.

saru xi pagamenti ghar-riduzzjoni tas-somma principali sabiex b'hekk fadal dejn ta' €78,243.00. B'hekk, l-kuntratt jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fit-termini tal-artikolu 253(b) tal-Kap 12 stante li d-dejn huwa cert, likwidu u li ghalaq.

4. Illi l-intimati kellhom sal-1 t'Ottubru tas-sena 2011 sabiex iroddu lura s-somma dovuta u minnhom maqbula li tikkostitwixxi dejn veru, cert u likwid u li ghaddew aktar minn hames snin mit-titolu esekuttiv. Illi b'hekk jirrizultaw l-elementi kollha kif kontemplati fl-artikoli 253(b) u 258(c) tal-Kaptiolu 12;

**Decide:**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, qed tilqa' t-talba u konsegwentement qed tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv fit-termini tal-artikolu 258 (c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tal-Kuntratt Pubbliku tal-1 t'Ottubru, 2008 in atti Nutar Dottor Pierre Falzon Dok EF1.**

**L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.**

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

Nicole Cini

Deputat Reġistratur